MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Citazzjoni Numru. 137/2009

**A B C**

**-vs-**

**D E**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors guramentat ta' A B C fejn din, wara li ppremettiet:

Illi r-rikorrenti dahlet f'cerimonja ta' zwieg mal-intimat D E fid-disgha u ghoxrin ta' Gunju, elf, disa' mija u sitta u disghin (29.06.1996) fil-Knisja Parrokkjali ta' Hal Balzan, Malta (kopja ta' liema certifikat taz-zwieg annessa bhala 'Dok. A'), minn liema zwieg ma twildux tfal;

Illi l-kunsens tal-konvenut ghal dan iz-zwieg kien vizzjat minhabba difett serju ta' diskrezzjoni ta' gudizzju fuq il-hajja mizzewga jew fuq id-drittijiet u d-dmirijiet essenzjali taghha, jew b'anomalija psikologika serja li taghmilha impossibli ghal dik il-parti illi taqdi l-obbligazzjonijiet essenzjali taz-zwieg;

Illi l-kunsens tal-konvenut inkiseb bl-eskluzjoni pozittiva taz-zwieg innifsu, jew ta' xi wiehed jew aktar mill-elementi essenzjali tal-hajja mizzewga, jew tad-dritt ghall-att taz-zwieg;

Illi hija taf dawn il-fatti personalment.

Illi, ghalhekk, l-imsemmi zwieg huwa null ai termini tas-subartikoli 19(1)(d) u/jew 19(1)(f) tal-Kap. 255.

Ghaldaqstant, l-intimat jghid ghalfejn din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara illi z-zwieg ikkuntrattat bejn ir-rikorrenti u l-intimat huwa null u bla effett ghall-finijiet u effetti kollha tal-ligi u ghalhekk tordna li ssir ir-registrazzjoni opportuna fl-att taz-zwieg relattiv;

Bl-ispejjez kontra l-intimat illi huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposta ta' D E fejn dan irrisponda:

Illi huwa ma jopponix illi z-zwieg taghhom ghandu jkun dikjarat null u bla effett minn din l-Onorabbli Qorti u dan mhux ghal ragunijiet imputabbli lilu imma ghal ragunijiet imputabbli lill-istess attrici kif ser ikun ippruvat waqt it-trattazzjoni tar-rikors.

Bl-ispejjez.

Rat id-dokumenti esebiti u l-affidavit prodotti.

Semghet lix-xhieda.

Rat l-atti kollha.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ir-rikorrenti f'din il-kawza qed titlob lill-Qorti tiddikjara null iz-zwieg taghha minhabba vizzju tal-kunsens a bazi tal-Art. 19(1)(d) u ukoll 19(1)(f).

Il-koppja f'din il-kawza zzewgu wara gherusija normali. Xtaqu jghixu flimkien qabel ma jizzewgu, pero' l-familjari opponew. Izzewgu bil-hsieb li jistennew xi hames snin qabel ikollhom it-tfal. Meta, qabel ghaddew il-hames snin, il-mara xtaqet it-tfal, ir-ragel irrifjuta. Baqa' jirrifjuta li jkollu t-tfal anke meta ghaddew sew il-hames snin. Kien zmien wara li ammetta li hu qatt ma ried tfal, lanqas fil-futur. Minn dak il-mument, ir-relazzjoni taghhom baqghet sejra lura sakemm iddegenerat b'tali mod estrem, u mbaghad sfaxxat. Ghalhekk, il-mara issa qed titlob id-dikjarazzjoni ta' nullita' taz-zwieg.

Il-Qorti tibda biex ittenni principju fondamentali espress mill-Qorti tal-Appell fil-kawza "**Joseph E vs Bernadette E**" (deciza fis-27 ta' JAr, 2006), u cioe':

"*Irid mill-ewwel jigi senjalat principju fondamentali fil-ligi civili u cioe' li z-zwieg bejn il-kontendenti ghandu jkun prezunt li jkun wiehed validu. Ghalhekk huwa dover assolut ta' kull parti fil-kawza li taghmel prova sodisfacenti ta' l-allegazzjonijiet rispettivi taghha dwar l-allegazzjoni cioe' li z-zwieg kien null, ghaliex l-oneru tal-prova huwa dejjem fuq spallejn min jallega.*"

Il-Qorti Civili Prim'Awla fil-kawza "**John Micallef Engerer vs Corinne Camilleri**" (deciza fit-22 ta' Ottubru, 2002), irriteniet ukoll illi:

"*Fl-interpretazzjoni ta' dan is-subinciz gie ritenut mill-Qorti taghna illi l-eskluzjoni pozittiva ma kellhiex necessarjament tirrizulta biss minn xi haga espressa direttament izda setghet tigi espressa bl-imgieba ta' xi parti fil-perjodu immedjatament qabel u wara li jkun inkiseb l-istess kunsens.*"

Fil-kuntest tal-kaz in ezami, fil-kawza “**Adrian Fenech vs Tania Balzan et**”, (deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fis-27 ta’ April, 2001):

“*Il-prokreazzjoni tat-tfal huwa element essenzjali tal-hajja mizzewga u ghalhekk l-eskluzjoni pozittiva ta’ din il-prokreazzjoni tivvizzja l-kunsens u twassal ghan-nullita’ taz-zwieg taht is-subinciz tal-Artikolu 19 (1) tal-Att Dwar iz-Zwieg, Kapitolu 255 tal-Ligijiet ta’ Malta.*”

Fil-kawza “**Dr Stephen Muscat noe vs B Borg Grech**” (deciza mill-Qorti Civili Prim’Awla fl-14 ta’ Awwissu, 1995), il-Qorti kompliet spjegat illi:

“*Ikun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali izda nternament u b'att pozittiv tal-volonta' taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali) jew, dejjem b'dak l-att pozittiv tal-volonta', tkun qed teskludi xi element jew proprjeta' essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali).*”

U mbaghad fil-kawza “**Adrian Busietta vs Eileen Busietta**”, (deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fit-30 ta’ April, 2009):

“*Fid-duttrina jinghad li jkun hemm simulazzjoni meta, fil-mument tal-ghoti tal-kunsens matrimonjali, parti jew ohra (jew it-tnejn) esternament turi li qed taghti l-kunsens matrimonjali, izda internament u b’att posittiv tal-volonta’ taghha tkun qed tichad il-kunsens ghal dak iz-zwieg (simulazzjoni totali), jew, dejjem b’dak l-att pozittiv tal-volonta’, tkun qed teskludi xi element jew proprjeta’ essenzjali ghaz-zwieg (simulazzjoni parzjali) – ara f’dan is-sens* ***Muscat vs Borg Grech noe****, deciza mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fl-14 ta’ Awwissu, 1995. Kif jinghad ukoll minn O. Giacchi fil-ktieb “Il consenso nel matrimonio canonico” (Ediz. 1968 pagna 92),*
*“Nell’animo del nubente, perche’ si abbia simulazione... occorre che vi sia non un’assenza della volonta’*

*matrimoniale, ma la presenza di una positiva volonta' di escludere.*" "

Ir-rikorrenti ressqet provi biex turi li r-ragel, f'dan iz-zwieg, kien fil-fatt dejjem eskluda l-possibilita' ta' wild. Ma gew kontrastati minnu ebda mill-provi li ressqet li juru li huwa kien deciz, anke meta lilha halliha tittama tul iz-zmien sakemm fl-ahhar irrealizzat li dan ma kien ser jigri qatt.

**Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:**

Tilqa' t-talba tar-rikorrenti u tiddikjara illi z-zwieg kontrattat bejn A B C u D E fid-29 ta' Gunju 1996 huwa null u bla effett.

L-ispejjez jithallsu minn D E

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------